MALTA

# QORTI TAL-APPELLI KRIMINALI (INFERJURI) MALTA

## ONOR. IMHALLEF GALEA DEBONO JOSEPH

Seduta tat-12 ta' Dicembru, 2002

Appell Kriminali Numru. 223/2002

**Il-Pulizija**
**(Spettur P. Micallef Grimaud)**
**(Spettur N. Xuereb)**
**(Spettur S. Tanti)**

**Vs**

**Salah Ali Agouri**

Il-Qorti:

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja talli :
1) bejn il-lejl tas-17 u t-18 ta' Lulju 2000, f'Paceville, fil-fond Seaview Apartments, Triq San Gorg, San Giljan, bi vjolenza ikkommetta stupru fuq il-minuri ta' 16 il-sena Maija Paulina Alonen ta' nazzjonalita' Finlandiza u dan bi ksur tal-Artikolu 198 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

2) fl-istess jum, lok u cirkostanzi b’eghmil zieni ikkorompa lill-imsemmija minuri Maija Paulina Alonen u dan bi ksur tal-Artikolu 203 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
3) fl-istess jum, lok, hin u cirkostanzi, bla ordni skond il-ligi ta’ awtorita’ kompetenti u barra mill-kazijiet li fihom il-ligi taghti s-setgha lil privat li jarresta lill-hati, arresta, zamm jew issekwestra lill-imsemmija minuri Maija Paulina Alonen kontra l-volonta’ taghha, jew ta l-post biex din il-persuna tigi arrestata, mizmuma jew sekwestrata u dan bhala mezz biex l-imsemmija minuri tigi mgieghla taghmel xi haga jew toqghod ghal xi haga li toffendi l-misthija tas-sess taghha u dan bi ksur tal-Artikolu 86 u 87 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
4) fl-istess jum, lok, hin u cirkostanzi kkommetta attentat vjolenti ghal pudur fuq imsemmija minuri Maija Paulina Alonen u dan bi ksur tal-Artikolu 207 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
5) talli taht l-istess cirkostanzi kkaguna ferita ta’ natura hafifa fuq Maija Paulina Alonen kif iccertifikat minn Dr. Moira Grech M.D. ta’ l-Isptar San Luqa u dan bi ksur tal-Artikolu 221 (1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
6) fl-istess jum, lok, hin u cirkostanzi bla ordni skond il-ligi ta’ awtorita’ kompetenti u barra mill-kazijiet li fihom l-ligi taghti s-setgha lil privat li jarresta lil hati, arresta zamm jew issekwestra lil imsemmija minuri Petra Pulli kontra l-volonta’ taghha, jew ta post biex din il-persuna tigi arrestata, mizmuma jew issekwestrata u dan bhala mezz biex l-imsemmija minuri tigi mgieghla taghmel xi haga jew toqghod ghal xi haga li toffendi l-misthija tas-sess taghha;
7) fl-istess jum, lok, hin u cirkostanzi kkommeta attentat vjolenti ghal pudur fuq l-imsemmija minuri Maija Paulina Alonen;
8) fil-lejl tal-hmistax ta’ Lulju 2000, f’Paceville fil-fond “Seaview Apartments” Triq San Gorg, San Giljan, ikkommetta attentat vjolenti ghal pudur fuq l-imsemmija minuri Petra Pulli;
9) fl-istess cirkostanzi kkaguna ferita ta’ natura hafifa fuq Maija Paulina Alonen kif iccertifikat Doctor Moira Grech tal-Isptar San Luqa.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tas-26 ta’ Settembru, 2002, li

biha wara li rat l-Artikoli 17 (b), 20, 22, 86, 87, 198, 203, 207, 221 u 533 tal-Kap 9 u l-Artikolu 14 tal-Kap 127 tal-Ligijiet ta’ Malta, sabet lill-akkuzat hati tar-reat ta’ attentat vjolenti fuq il-pudur u hati talli b’ghemil zienikkorrompa lil Maija Paulina Alonen u lil Petra Pulli u talli kkommetta feriti ta’ natura hafifa fuq il-persuna ta’ Maija Paulina Alonen u kkundannata ghal piena karcerarja ta’ erbatax il-xahar u ddikjarat li ma sabitux hati tal-akkuzi l-ohra u lliberatu minn dawk l-akkuzi.

In oltre, ai termini tal-Artikolu 14 tal-Kap 217 tal-Ligijiet ta’ Malta, iddikjarat lill-imputat bhala immigrant pprojbit u ordnat li jinhareg Ordni ta’ Tkeccija fil-konfront tieghu.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fl-4 t’Ottubru, 2002, li bih talab lil din il-Qorti joghgobha tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier taghha u tirriformaha biss in kwantu ghall-ordni ta’ tkeccija minn pajjizna fil-konfront tal-appellant billi tirrevoka tali ordni.

Rat  il-verbal tas-seduta tal-lum 12 ta’ Dicembru, 2002 li bih l- abbli  prosekutur eccepixxa n-nullita’ tar-rikors tal-appell in vista tal-fatt li ma hemmx il-fatti fil-qosor kif rikjest taht piena ta’ nullita’ fl-art. 419  *(1) (a)*  tal-Kodici Kriminali .

Semghet it-trattazzjoni dwar din l-eccezzjoni fil-kors tal-istess seduta  ;

Ikkonsidrat ;

Illi l-eccezzjoni tal-Avukat Generali tirrigwarda l-karenza ta’ wahda mill-elementi essenzjali  tar-rikors tal-appell kif elenkati mill-artikolu 419 (1)   tal-Kodici Kriminali   li jiddisponi li  r-rikors  tal-appell, “barra mill-indikazzjonijiet komuni ghall-atti gudizzjarji  GHANDU JKUN FIH, TAHT PIENA TA‘ NULLITA :-(emfasi tal-Qorti)   *“(a) il-fatti fil-qosor ; (b) ir-ragunijiet tal-appell u (c) it-talba ghat-thassir jew ghat-tibdil tas-sentenza tal-qorti inferjuri”.*

Illi minn ezami tar-rikors tal-appell jidher ovvju li dan ir-rekwiziit dwar il-fatti fil-qosor zgur li ma giex rispettat u osservat.

Illi ma hemmx dubju li n-nuqqas sollevat mill-Avukat Generali iwassal ghan-nullita' tal-appell (ara Appell Kriminali Pul. Vs Raymond Camilleri 5.12.02).

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti tilqa l-eccezzjoni intavolata mill-Avukat Generali w tiddikjara l-appell tar-rikorrent null u irritwali w konsegwentement ma tiehux konjizzjoni ulterjuri tieghu.

(ft) Joseph Galea Debono
Imhallef

John Farrugia
Dep. Reg.

12.12.02